# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 549/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Daniel Zammit)

vs

**Robert Galea**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-8 ta' Mejju, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 229581(M)

Illum, 4 ta' April, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant Robert Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli gewwa Rahal Gdid, nhar it-3 ta` April, 2010, ghal habta tas-siegha u ghaxar minuti ta` wara nofsinhar (13:10hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` serq minn fuq il-persuna ta` Anna Mizzi, li hija anzjana ta` 63 sena, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta`

tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-vjolenza;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Anna Mizzi, anzjana ta` 63 sena, f'periklu car, ikkaguna offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Anna Mizzi minn Rahal Gdid;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta` dawk l-oggetti filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta` serq jew hsara fil-propjeta` (minbarra hsara involontarja fil-propjeta);

4. Talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

5. Akkuzat bi ksur tal-Probation a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qrati tal-Magistrat (Malta) u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41 (1), 49, 50, 221, 261, 262, 267, 274(c)(d), 276A, 277(a), 279(b) u 533 tal-Kapitolu 9, l-artikoli 21 u 22 tal-Kapitolu 446 u l-artikolu 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta u ikkundannatu ghal terminu ta` detenzjoni ghall-perjodu ta` tlett (3) snin li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm b'arrest. Il-Qorti irrakommandat li l-imputat jitpogga taht programm ta` ri-abilitazzjoni mid-droga stante li huwa wera x-xewqa li jirriforma ruhu.

Rat ir-rikors tal-appellant Robert Galea tat-23 ta' Novembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija billi tehles lill-appellanti minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-identifikazzjoni tal-esponenti bhala l-aggressur ma kienetx univoka daqskemm ghamlietha l-ewwel Onorabbli Qorti. Il-vittmi kellhom kull interess illi jidentifikaw lill-esponenti imma barra l-vittmi, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud iehor illi ddentifika lill-appellant bhala l-aggressur. Illi l-fatt l-appellant deher fl- istills tas-CCTV camera jdur u jhuf fl-akwati ma jfissierx illi huwa kkommetta l-aggressjoni in kwistjoni u konsegwentement, l-anqas ma ghandha l-ebda rilevanza l-fatt illi s-sweatshirt illi kien libes l-appellant fil-jum tal-aggressjoni nstab fir-residenza tal-appellant. Li kien ikun rilevanti kieku s-CCTV camera qabdet lill-appellant iwettaq l-aggressjoni jew kieku kien hemm identifikazzjoni posittiva ta' l-appellant bhala l-aggressur minn terza persuna disinteressata imma l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova f’dan ir-rigward. Min-naha l-ohra, l-ewwel Onorabbli Qorti skartat ghal kollox ic-cahda univoka tal-appellant fir-rigward tal-partecipazzjoni tieghu fl-incident de quo meta l-principju huwa in dubio pro reo. Huwa nspjegabbli kif l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi tislet konkluzioni mill-fatt illi fl-istess stqarrija illi l-appellant ta volontarjament lill-pulizija, huwa ma cahadx illi l-gakketta illi nstabet id-dar tieghu kienet l-istess bhal dik illi kien libes fil-jum ta' l-attentat. Jew illi l-fatt li l-appellant cahad illi kellu armi kellu jikkonduci ghal xi sejba ta' htija da parti tieghu Il- fatt jibqa' illi l-unika identifikazzjoni posittiva tal-appellant saret mill-vittmi illi zgur kienu fi stat agitat meta gara l-incident u ma kienux fl-istat mentali idoneu sabiex iwettqu tali identifikazzjoni.

Illi fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellant qatt ma messu nstab hati b'serq aggravat bil-valur ghaliex ix-xhieda moghtija minn Anna Mizzi (a fo136) u Pawlu Mizzi (a fol 42) fis-seduta tat-28 ta' April, 2010 ma kienet xejn konvincenti fir-rigward. Ix-xhieda taghhom kienet tassew vaga fir-rigward minghajr ebda korraborazzjoni fir-rigward. Huwa verament inverosimili illi hanut zghir fir-Rahal il-Gdid ikollu biegh ta' aktar minn elf lira f’jum illi m'hux fl-istagjun festiv u illi l-provenjenti ta' tali bejgh kienu kollha fi flus kontanti u mhux cekkijiet jew chits tal-karti ta' kreditu. Il-prosekuzzjoni messha talbet lill-vittma tipproduci z-Z-reading tal-bejgh tal-jum in kwistjoni imma naqset illi taghmel hekk. Ghaldaqstant, anke fdan ir-rigward, id-dubju ghandu jmur favur l-appellant.

Illi fit-tielet lok, anke fir-rigward tat-tieni akkuza, il-prosekuzzjoni naqset illi tipproduci x-xhieda fil-grad mitlub mil-ligi u dana peress illi ma giet ipprez.entata "l-ebda evidenza korroborattiva" kif ikkonstat l-istess Onorabbli Qorti.
Illi fir-raba' lok, wiehed ma jifhiemx kif l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi ghandha ssib lill-appellant hati tat-tielet akkuza rneta "ma nstabietx arma jew xi furma ta' arma, fit-tfittxija li saret fid-dar ta' residenza tal-imputat" u "l-imputat ma ghandux licenzia tal-Pulizija sabiex izomm arma" u dana biss fuq ix-xhieda ta' Pawlu Mizzi u minhabba l-esperjenza tal-Qorti illi "perpetraturi ta' reati sirnili sikwit igorru arma bhala skorta." Anke hawnhekk, l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konklezjoni ta' htija minghajr ma ngabet l-evidenza fil-grad rikjest mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.  Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-identifikazzjoni tieghu da parti tal-konjugi Mizzi. L-appellant matul il-kors ta' dan l-appell tenna li ma kienx hu li wettaq dan ir-reat. Fil-kaz in ezami, kull wiehed mill-konjugi gharaf lill-appellant separatament. Meta gew murija r-ritratti Anna Mizzi gharfitu izda Pawlu Mizzi kellu d-dubji tieghi. Izda meta saret l-identification parade iz-zewg konjugi gharfu lill-appellant minghajr ma kellhom ebda ezitazjoni. L-ewwel Qorti strahet fuq din l-identifikazzjoni da parti tal-konjugi Mizzi u fic-cirkostanzi ma hemm xejn xi tghid ghaliex l-ewwel Qorti ma kellha ebda triq ohra ghajr l-identifikazzjoni tal-appellant.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-ammont ta' flus li Anna Mizzi kellha fil-basket taghha. L-ewwel Qorti ddecidiet li temmen lil Anna Mizzi u din il-Qorti ma ghandha ebda raguni biex tbiddel il-fehma tal-ewwel Qorti.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-feriti li garrbet Anna Mizzi. Il-prassi f'dawn il-kazijiet hu li jigi prezentata certifkat mediku jew ghalmenu xi tabib li jkun ra tali feriti. F'dan il-kaz ma hemm xejn minn dan u ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Illi r-raba' aggravju jirrigwarda l-arma. Hu veru li l-arma ma nstabix izda l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Pawlu Mizzi. Haga li ragonevolment u legalment setghet taghmel.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata fis-sena li ma ssibx lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull

htija u piena, fil-waqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza ta' tlett snin prigunerija u minflok tikkundanna lill-appellant Robert Galea ghal piena ta' sentejn u sitt xhur prigunerija.